MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 203/2012

**Technoline Limited (C4250)**
**vs**
**The Golden Shepherd Group Limited (C14948)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta’ rikorrenti pprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar 12 ta’ Gunju 2012 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-kumpanija attrici is-somma ta’ sitt elef u disghin Ewro u sebgha w erbghin centezmu (€6,090.47) oltre l-imghaxijiet legali kummercjali u spejjez ulterjuri, somma dovuta ghall-forniment ta’ prodotti u ghall-servizzi ta’ tiswija ta’ makkinarju gewwa St. Philips Hospital u dan bejn Lulju 2007 u Awissu 2009 kif jidher primarjament mis-*Sales Statement* anness mar-rikors u mmarkat bhala “Dok T1”.

Bl-ispejjez inkluz tal-Ittra Ufficjali numru 5982/2009 tat-23 ta’ Dicembru 2009 u tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju u bl-imghax kontra s-socjeta’ konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Il-valur mertu ta’ din il-kawza ma teccedix il-hdax-il elf, sitt mija u sitta w erbghin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87).

Rat illi s-socjeta’ konvenuta kienet debitament notifikata skond riferta pozittiva tal-Marixxall Julian Caruana datata 30 ta’ Awwissu 2012 fejn thalliet kopja ta l-avviz fl-indirizz tal-konvenut kif moghti fir-rikors promotur (fol. 11 tergo). Inoltre dakinhar thalliet kopja tar-rikors promotur fil-Kunsill Lokali ta’ Santa Venera u fl-ghassa tal-Pulizija ta’ Santa Venera**.**

Rat illi s-socjeta’ konvenuta giet notifikata dwar ir-rikors permezz ta’ pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern is-7 ta’ Settembru 2012 (fol. 10) u fil-gazzetta lokali The Malta Independent nhar is-27 ta’ Settembru 2012 (fol. 16 u 17).

Rat illi fis-seduta tal-10 ta’ Ottubru 2012 s-socjeta konvenuta giet imsejha izda ma deheritx biex tikkontesta t-talba attrici.

Rat illi l-avukat difensur tal-attur ipprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut dakinhar tal-10 ta’ Ottubru 2012 .

Rat illi fis-seduta tal-31 ta’ Ottubru 2012 is-socjeta’ konvenuta ma dehritx ghas-subizzjoni taghha.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta’ attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti qeghda ghalhekk tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ sitt elef u disghin Ewro u sebgha w erbghin centezmu (€6,090.47) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi dovuti mil-lum.**

**Bl-ispejjez kif mitluba mill-attur fir-rikors promotur kontra s-socjeta’ konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------